C/2025/1185

21.3.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

IA favur il-ħaddiema: mekkaniżmi biex jiġi sfruttat il-potenzjal u jittaffew ir-riskji tal-IA b'rabta mal-politiki tal-impjieg u tas-suq tax-xogħol

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/1185)

Relatur: **Franca SALIS-MADINIER**

Konsulenti	Odile CHAGNY (għar-relatur) Isaline OSSIEUR (għall-Grupp I) Etzerodt CLEMENS ØRNSTRUP (għall-Grupp I) Aïda PONCE DEL CASTILLO (għall-Grupp II) Anthony BOCHON (għall-Grupp III)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	15.2.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	17.12.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	22.1.2025
Sessjoni plenarja Nru	593
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	142/103/14

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jappoġġja d-dikjarazzjoni konġunta tal-imsieħba soċjali maħruġa matul l-aħħar summit tal-G7 fl-Italja ([1]), li tgħid li l-avvanz rapidu tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali (IA), inkluża l-IA ġenerattiva, huwa bla dubju wieħed mill-aktar xejriet sinifikanti li jaffettwaw id-dinja tax-xogħol u s-soċjetajiet tagħna b'mod aktar wiesa'. Mhuwiex prestabbilit jekk din il-bidla tkunx għall-aħjar jew għall-agħar: dan jiddependi mid-deċiżjonijiet meħuda minn dawk li jfasslu l-politika biex jadottaw politiki ambizzjużi u effettivi kif ukoll oqfsa regolatorji li jiffavorixxu l-progress soċjali, l-inklużività, l-ugwaljanza, il-prosperità ekonomika, l-intraprizi sostenibbli, il-kontinwità u r-reżiljenza tan-negozju, il-ħolqien ta' impjiegi deċenti, ir-rispett għall-istituzzjonijiet demokratiċi u d-drittijiet tal-ħaddiema, u d-djalogu soċjali għandu rwol ewlieni f'dan ir-rigward.

1.2. L-involviment tal-ħaddiema u d-djalogu soċjali għandhom rwol kruċjali fil-preżervazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u fil-promozzjoni ta' IA "affidabbli" fid-dinja tax-xogħol. Wieħed mill-mekkaniżmi biex jiġu mminimizzati r-riskji u l-impatti dannużi tas-sistemi tal-IA huwa l-involviment aktar b'saħħtu tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom.

1.3. Il-KESE jinsisti li l-inizjattivi leġiżlattivi, jew kwalunkwe inizjattiva oħra li tadatta l-liġi eżistenti, għandhom **jindirizzaw il-lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u jiżguraw li l-bnedmin jibqgħu fil-kontroll** fl-interazzjonijiet kollha bejn il-bniedem u l-magni.

1.4. Id-**dispożizzjonijiet** legali eżistenti tal-UE rilevanti għall-użu tal-IA fuq il-post tax-xogħol għandhom ikunu appoġġjati minn gwida espliċita dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti.

([1]) Shaping the advancement of artificial intelligence through social dialogue (Insawru l-avvanz tal-intelliġenza artifiċjali permezz tad-djalogu soċjali [Mhux disponibbli bil-Malti]).

1.5. Il-KESE jappoġġja l-implimentazzjoni rapida tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-IA ([2]), li jiddikjara li l-forniturі u l-implimentaturi tas-sistemi tal-IA għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA fost il-persunal tagħhom.

1.6. L-awtoritajiet pubbliċi jeħtiġilhom jimplimentaw inizjattivi ta' żvilupp tal-ħiliet għall-ħaddiema biex jiżguraw li s-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali jtejbu lill-bnedmin aktar milli jissostitwuhom.

1.7. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-politiki pubbliċi tal-UE u l-Istati Membri jiżviluppaw moduli tal-IA fl-edukazzjoni u t-taħriġ u jagħmlu materjal ta' sensibilizzazzjoni dwar l-IA disponibbli għaċ-ċittadini. L-edukazzjoni formali dwar it-teknoloġiji tal-IA għandha tiġi pprovduta fi stadju bikri, u b'hekk tippermetti l-akkulturazzjoni taċ-ċittadini kollha.

1.8. Sabiex tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-inizjattivi attwali tal-Istati Membri u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fis-suq uniku, il-KESE jagħmel appell qawwi għal djalogu soċjali msaħħaħ dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IA abbażi ta' strument legali *ad hoc* tal-UE li jinkludi dispożizzjonijiet biex dan li ġej jinkiseb b'mod aktar effettiv:

— li jkun possibbli li jitwettaq infurzar effettiv tal-Artikolu 88 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) ([3]) u jagħtu gwida espliċita dwar il-kunsens u l-interess leġittimu;

— li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet inklużi fid-Direttiva dwar il-Ħaddiema tal-Pjattaformi ([4]), biex jiġu indirizzati l-isfidi li joħolqu s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika għall-ħaddiema kollha;

— li jissaħħu r-regoli applikabbli skont id-Direttiva 2002/14/KE ([5]) meta jiġu introdotti sistemi tal-IA b'riskju għoli, u tingħata gwida espliċita dwar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE 89/391 ([6]) dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol;

— li tiġi integrata d-dimensjoni tal-proċess dinamiku tad-djalogu soċjali u l-valutazzjonijiet tar-riskju tas-sistemi tal-IA, kif definit fil-Ftehim Awtonomu dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-2020 ([7]);

— li tiġi estiża l-komunikazzjoni tal-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data DPIA għar-rappreżentanti tal-ħaddiema, kif previst fid-Direttiva dwar il-Ħaddiema tal-Pjattaformi;

— li jiġu pprovduti Valutazzjonijiet tal-Impatt *ex ante* fuq id-Drittijiet Fundamentali, li għandhom jitwettqu mill-forniturі qabel ma jiġu varati sistemi ta' riskju għoli; u

— li jiġu stabbiliti linji gwida ċari dwar kif jistgħu jintużaw l-ambjenti ta' esperimentazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar fid-dinja reali.

1.9. Il-KESE jistieden lill-Uffiċċju Ewropew tal-IA jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali transsettorjali Ewropej, sabiex jiġi żgurat li r-rwol tad-djalogu soċjali jkun rifless b'mod adegwat fil-linji gwida li jmiss tal-Uffiċċju tal-IA u biex isiru kjarifiki dwar is-sistemi kollha tal-IA. Għandhom jiġu stabbiliti mezzi ta' koordinazzjoni profondi, robusti u strutturati b'mod ċar bejn l-Uffiċċju tal-IA u d-DĠ EMPL u d-DĠ Connect tal-Kummissjoni Ewropea.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. L-objettiv ta' din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja huwa li tagħti rakkomandazzjonijiet u proposti speċifiċi lil min ifassal il-politika fil-livell Ewropew u nazzjonali bil-ħsieb li jinħoloq ambjent li jwassal għall-implimentazzjoni pożittiva tas-sistemi u l-għodod tal-IA fid-dinja tax-xogħol. Fid-dawl tat-talba mill-Presidenza Pollakka li jmiss, hemm kapitolu speċifiku għall-**esplorazzjoni ta' mekkaniżmi għall-isfruttar tal-potenzjal u l-mitigazzjoni tar-riskji tal-IA fil-politiki dwar l-impjieg u s-suq tax-xogħol**. Din l-Opinjoni ġabret kontribut permezz ta' żewġ workshops li saru fil-KESE bl-użu tal-metodoloġija ta' prospettiva taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, bil-parteċipazzjoni ta' esperti Ewropej u internazzjonali.

([2]) ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.
([3]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([4]) ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj.
([5]) ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.
([6]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
([7]) Ftehim Qafas dwar id-Diġitalizzazzjoni | Ċentru tar-riżorsi |Etuc [Mhux disponibbli bil-Malti].

2.2. L-IA normalment tiġi identifikata bħala teknoloġija ta' "skop ġenerali" ([8]), li tippermetti applikazzjonijiet diġitali trasformattivi b'potenzjal kbir ta' impatt soċjali u ekonomiku ([9]). L-IA, il-big data u l-computing ta' prestazzjoni għolja huma interkonnessi. L-IA ġenerattiva tinkludi sistemi bħal mudelli lingwistiċi kbar sofistikati li jistgħu joħolqu kontenut ġdid, li jvarja minn test sa immaġnijiet, billi jitgħallmu minn data estensiva ta' taħriġ. Din l-Opinjoni tieħu approċċ wiesa' biex teżamina kemm is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika kif ukoll l-użu usa' ta' teknoloġiji diġitali fuq il-post tax-xogħol bħal għodod ta' sorveljanza u pjattaformi diġitali tar-riżorsi umani li għandhom impatt sinifikanti fuq il-ħaddiema.

2.3. Filwaqt li l-istimi juru li l-adozzjoni tal-għodod tal-IA fil-kumpaniji Ewropej żdied b'mod rapidu minn mindu nħolqu l-għodod tal-IA ġenerattiva, jidher li hemm diskrepanza sinifikanti fl-adozzjoni bejn l-intrapriżi l-kbar u l-SMEs ([10]). Minkejja n-nuqqas ta' data u għarfien konsistenti dwar kif l-IA se tiżviluppa preċiżament, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li l-IA se taffettwa d-dinja tax-xogħol b'ħafna modi u tista' ssir karatteristika prominenti tal-impjiegi ta' ħafna nies ([11]).

2.4. Ix-xenarji esplorati fil-workshops tagħna dwar il-futur tal-IA fid-dinja tax-xogħol ([12]) juru li mhuwiex tard wisq biex jiġi influwenzat l-iżvilupp tal-IA fuq il-post tax-xogħol sabiex jiġi żgurat li din tiġi implimentata għall-benefiċċju ta' kulħadd. Xenarju viżjonarju partikolari definit bħala x-"xenarju ideali" wera li l-adattament tad-dritt tal-Unjoni u t-tisħiħ tad-djalogu soċjali fl-aktar livell adatt jista' jkollhom rwol sinifikanti fit-tiswir tal-użi affidabbli tal-IA fuq il-post tax-xogħol, u dan jinkoraġġixxi lill-kumpaniji Ewropej jinvestu fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni.

2.5. L-impatt tal-IA fuq id-dinja tax-xogħol huwa indirizzat indirettament fil-leġiżlazzjoni tal-UE relatata ma' kwistjonijiet soċjali ([13]). L-istituzzjonijiet tal-UE investew ukoll riżorsi sinifikanti biex jiżviluppaw aġenda diġitali kondiviża u suq uniku diġitali.

2.6. F'konformità mal-proposta tal-President tal-Kummissjoni Ewropea li jiġu inklużi inizjattivi li jħarsu lejn kif id-diġitalizzazzjoni qed ikollha impatt fuq id-dinja tax-xogħol, mill-ġestjoni tal-IA sat-telexogħol, u f'konformità mad-dikjarazzjoni reċenti tal-imsieħba soċjali li nħarġet fis-summit tal-G7, il-KESE jsostni li kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva għandha **tindirizza l-lakuni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema previsti fil-leġiżlazzjoni attwali rilevanti għall-IA u tiżgura li l-prinċipju ta' "bniedem fil-kontroll"** jiġi applikat b'mod effettiv.

2.7. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li d-**dispożizzjonijiet** legali eżistenti rilevanti għall-użu tal-IA fuq il-post tax-xogħol ikunu appoġġjati minn gwida espliċita.

2.8. L-imsieħba soċjali u ċ-ċittadini għandhom rwol essenzjali x'jaqdu biex jippreżervaw id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u jippromovu IA "affidabbli" fid-dinja tax-xogħol u fis-soċjetà kollha kemm hi ([14]).

3. Definizzjoni tas-sistemi tal-IA fil-kuntest ta' din l-Opinjoni

3.1. *Għall-finijiet ta' din l-Opinjoni, il-KESE jirrakkomanda li tintuża d-definizzjoni stabbilita fl-Att dwar l-IA* ([15])

3.2. Skont l-Artikolu 3(1) tal-Att dwar l-IA, "sistema tal-IA" tfisser sistema bbażata fuq magna li hija mfassla biex topera b'livelli differenti ta' awtonomija u li tista' turi adattabbiltà wara l-implimentazzjoni u li, għal objettivi espliċiti jew impliċiti, tinferixxi, mill-input li tirċievi, kif tiġġenera outputs bħal previżjonijiet, kontenut, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw ambjenti fiżiċi jew virtwali".

([8]) Forum Ekonomiku Dinji, Markets of Tomorrow: Pathways to a New Economy (Is-swieq tal-futur: perkorsi lejn ekonomija ġdida [Mhux disponibbli bil-Malti]), 2020.

([9]) McKinsey, Shaping the digital transformation in Europe (Insawru t-trasformazzjoni diġitali fl-Ewropa [Mhux disponibbli bil-Malti]), 2020.

([10]) Ara l-link.

([11]) Studju tas-STOA (Prospettiva xjentifika) dwar The use of artificial intelligence in workplace management (L-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-ġestjoni fuq il-post tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]), 2022.

([12]) Ara l-paġna web.

([13]) Ara l-Anness.

([14]) Ara l-paġna web.

([15]) ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.

3.3. Din id-definizzjoni hija wiesgħa biżżejjed biex tkopri t-**tliet karatteristiċi essenzjali** tas-sistemi tal-IA, jiġifieri:

— li jippermettu teħid ta' deċiżjonijiet *awtomatizzat*;

— li jagħmlu dan bi grad ta' *awtonomija*;

— li jinteraġixxu mal-ħaddiema u jħallu impatt fuqhom.

3.4. Barra minn hekk, il-KESE jenfasizza tliet karatteristiċi speċifiċi ewlenin tas-sistemi tal-IA użati fil-post tax-xogħol meta mqabbla ma' teknoloġiji diġitali preċedenti:

— Is-sistemi tal-IA jistgħu jkunu istantanji, interattivi u opaki ([16]).

— Grupp importanti ([17]) ta' sistemi tal-IA għandhom kapaċità ta' adattament ladarba jiġu introdotti fil-post tax-xogħol ([18]). Dan jista' jintroduċi **inċertezza** u imprevedibbiltà dwar kif sistema tal-IA ġġib ruħha f'kuntest speċifiku.

— Is-sistemi tal-IA joffru opportunitajiet kbar biex itejbu l-allokazzjoni u l-koordinazzjoni, jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet effiċjenti fi ħdan id-ditti, u biex itejbu l-apprendiment organizzazzjonali ([19]). Bħala metodu emerġenti ta' invenzjoni, l-IA hija mistennija li trawwem l-innovazzjoni ([20]). Meta żżid l-iskala tagħha (id-daqs tal-parametri, id-data tat-taħriġ, eċċ.), sistema tal-IA tista' tipproduċi wkoll "**skoperti aċċidentali**", u b'hekk trawwem l-innovazzjoni.

4. L-impatt tal-IA fuq is-suq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol

4.1. *Impatt fuq l-impjieg*

4.1.1. Minħabba l-evoluzzjoni rapida tagħha, l-inċertezza marbuta mal-integrazzjoni tal-IA fil-proċessi tal-produzzjoni kollha, u l-effetti kumplessi tagħha fuq l-organizzazzjonijiet u l-ħaddiema, l-impatti tal-IA fuq l-impjiegi u l-ħaddiema ma jistgħux jiġu predeterminati. Il-punt sa fejn l-IA toħloq, timmodifika, tappoġġa jew teqred l-impjiegi jiddependi wkoll mill-iskop tal-adozzjoni tagħha (ottimizzazzjoni tal-proċessi, tnaqqis tal-kostijiet, effiċjenza, innovazzjoni, eċċ.).

4.1.2. L-IA għandha valur potenzjali: (i) fit-tqabbil tal-profili tal-impjieg ma' kandidati prospettivi, u b'hekk tippromovi l-effiċjenza fil-politiki tal-impjiegi; (ii) fir-reklutaġġ ta' kandidati adatti; (iii) fl-aċċellerazzjoni tal-proċessi ta' onboarding; (iv) fil-ġestjoni tal-prestazzjoni; (v) fil-ħolqien ta' metodi effettivi ta' taħriġ personalizzat u fl-identifikazzjoni ta' diskrepanzi fil-ħiliet diġitali; (vi) fil-ġbir u fl-analiżi tal-big data; (vii) fit-tfassil ta' minuti; (viii) fl-abbozzar ta' deskrizzjonijiet tal-impjiegi; u (ix) fil-ġestjoni taż-żamma u d-dawran tal-impjegati kif ukoll fil-previżjoni ta' ħtiġijiet ta' reklutaġġ futuri ([21]).

4.1.3. L-akbar spinta ekonomika potenzjali mill-IA x'aktarx li tiġi minn produttività mtejba ([22]). Din tinkludi l-awtomatizzazzjoni ta' kompiti ta' rutina u tedjanti ([23]), li tikkomplementa l-kapaċitajiet tal-impjegati u tagħtihom aktar ħin biex jiffukaw fuq xogħol aktar stimulanti li jżid valur akbar ([24]). Żviluppi teknoloġiċi reċenti jippermettu wkoll lis-sistemi tal-IA jissostitwixxu jew jikkomplementaw ir-rwoli tal-bnedmin f'firxa ta' oqsma ħafna aktar diversa minn teknoloġiji preċedenti, inklużi kompiti mhux ta' rutina u konjittivi ([25]), pereżempju fis-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

([16]) K. C. Kellogg et al. (2020), Algorithms at Work: The New Contested Terrain of Control (L-algoritmi fix-xogħol: il-kamp ġdid fejn il-partijiet kollha jridu jiksbu kontroll [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([17]) L-għodod kollha tal-IA bbażati fuq apprendiment awtomatiku adattiv. Ara d-definizzjoni tal-OECD aġġornata.
([18]) OECD (2024), The impact of Artificial Intelligence on productivity, distribution and growth (L-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq il-produttività, id-distribuzzjoni u t-tkabbir [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([19]) Kellogg et al. (2020); Cazzaniga et al (2024), Gen-AI: Artificial Intelligence and the Future of Work (Intelliġenza artifiċjali ġenerattiva: Intelliġenza Artifiċjali u l-Futur tax-Xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([20]) T. Babina et al (2024), Firm Investments in Artificial Intelligence Technologies and Changes in Workforce Composition (Investimenti tal-intraprizi fit-teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali u bidliet fil-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([21]) EPRS (2022), AI and digital tools in workplace management and evaluation (L-IA u għodod diġitali fil-ġestjoni u l-evalwazzjoni fuq il-post tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]); Tambe et al., Artificial Intelligence in Human Resources Management: Challenges and a Path Forward (L-intelliġenza artifiċjali fil-ġestjoni tar-riżorsi umani: l-isfidi u t-triq 'il quddiem [Mhux disponibbli bil-Malti]), California Management Review, 2019.
([22]) PwC (2017), Sizing the prize (X'se niggwadanjaw? [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([23]) EPRS (2022), Hmoud, B. u Laszo V. L. (2019), Will Artificial Intelligence Take Over Human Resources Recruitment and Selection, Network Intelligence Studies (L-IA se tieħu f'idejha r-reklutaġġ u s-selezzjoni tar-riżorsi umani? [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([24]) PwC (2017).
([25]) OECD (2024).

4.1.4. Studji reċenti jenfasizzaw il-potenzjal ta' "komplementazzjoni" tat-teknoloġiji tal-IA ġenerattiva ([26]). L-ILO tistma ([27]) li l-potenzjal ta' trasformazzjoni huwa aktar mid-doppju tal-potenzjal ta' awtomatizzazzjoni f'pajjiżi b'introjtu għoli (13,4 % kontra 5,1 %, rispettivament). Madankollu, is-sejbiet empiriċi għadhom inkonklużivi fir-rigward tal-effetti fuq l-impjieg u l-produttività ([28]). L-iskala reali tal-kisbiet fil-produttività għadha inċerta ([29]), u jaf tkun esaġerata ([30]). Rigward l-IA ġenerattiva, il-proporzjon ta' okkupazzjonijiet li għalihom hemm inċertezza dwar il-potenzjal ta' awtomatizzazzjoni u komplementazzjoni huwa għoli ([31]) (11,6 % f'pajjiżi b'introjtu għoli ([32])). L-IA ġenerattiva tista' ttejjeb l-aċċess għax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà ([33]), iżda tista' wkoll tawtomatizza l-impjiegi li jokkupaw.

4.2. *L-IA se jkollha impatt sinifikanti fuq il-ħtiġijiet tal-ħiliet* ([34])*.*

4.2.1. Minn naħa waħda, l-IA se tirreplika xi ħiliet manwali u kapaċitajiet psikomotorji fini, kif ukoll ħiliet konjittivi bħall-komprensjoni, l-ippjanar u l-għoti ta' pariri. Min-naħa l-oħra, il-ħiliet meħtieġa biex jiġu żviluppati u miżmuma s-sistemi tal-IA u l-ħiliet meħtieġa għall-adozzjoni, l-użu u l-interazzjoni mal-applikazzjonijiet tal-IA se jsiru aktar importanti. Id-domanda għall-ħiliet diġitali bażiċi u x-xjenza tad-data ([35]) se tiżdied. Se jkun hemm bżonn ta' ħiliet konjittivi u trasferibbli li jikkomplementaw bl-aħjar mod l-IA (inkluża s-soluzzjoni kreattiva tal-problemi, l-oriġinalità u ħiliet trasferibbli oħra bħall-ħiliet soċjali u maniġerjali ([36])). Il-ħiliet u l-għarfien tal-maniġers u tal-mexxejja tan-negozju se jkunu importanti wkoll għall-adozzjoni tal-IA ([37]). Hemm evidenza li n-nuqqas ta' ħiliet adegwati relatati mal-IA diġà jikkostitwixxi ostaklu għall-użu tal-IA fuq ix-xogħol ([38]). L-IA tista' tintuża wkoll biex ittejjeb is-sistemi tal-apprendiment għall-adulti.

4.3. *Kundizzjonijiet tax-xogħol*

4.3.1. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma l-qasam fejn l-impatti tas-sistemi tal-IA huma l-aktar ambigwi ([39]). Dan għaliex is-sistemi tal-IA għandhom il-potenzjal li jittrasformaw l-attivitajiet organizzazzjonali u maniġerjali u l-kontroll ([40]), kif ukoll li jfasslu mill-ġdid il-proċessi organizzazzjonali ([41]) b'modi profondi.

4.3.2. Jekk jintużaw b'mod sensibbli, l-għodod ibbażati fuq l-IA jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali billi jgħinu biex jitnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-ħaddiema ([42]) u biex jittejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ([43]) u s-saħħa mentali fuq ix-xogħol ([44]). L-għodod tal-IA jistgħu jgħinu biex jitneħħew jew jitnaqqsu l-kompiti perikoluż u jgħinu biex jiġu evitati disturbi muskoloskeletali. B'ridistribuzzjoni ġusta, il-ħin li l-ħaddiema jiffrankaw fuq il-kompiti jista' jgħin biex itejbu l-benesseri tagħhom. Meta jintużaw biex jissostitwixxu kompiti ripetittivi u tedjanti, l-għodod tal-IA jistgħu jżidu s-sodisfazzjon fl-impjieg ([45]). L-użu tal-applikazzjonijiet tal-IA jista' jwassal għal deċiżjonijiet u prattiki aħjar, aktar ġusti u mhux diskriminatorji ([46]).

([26]) M. Comunale et al.(2024), The Economic Impacts and the Regulation of AI: A Review of the Academic Literature and Policy Actions (L-impatti ekonomiċi u r-regolazzjoni tal-IA [Mhux disponibbli bil-Malti]), Dokument ta' ħidma tal-FMI Nru. 2024/65.
([27]) Gmyrek P. et al. (2023), Generative AI and jobs: A global analysis of potential effects on job quantity and quality (L-IA ġenerattiva u l-impjiegi: analiżi globali tal-effetti potenzjali fuq il-kwantità u l-kwalità tal-impjiegi [Mhux disponibbli bil-Malti]), Dokument ta' ħidma tal-ILO Nru. 96.
([28]) Comunale et al. (2024).
([29]) Comunale et al. (2024).
([30]) D. Acemoglu (2024), The Simple Macroeconomics of AI (Il-prinċipji tal-makroekonomija tal-IA [Mhux disponibbli bil-Malti]), Massachusetts Institute of Technology.
([31]) Gmyrek P. at al. (2023).
([32]) Gmyrek P. et al. (2023), p. 37.
([33]) OECD (2024), Who will be the workers most affected by AI? (Min se jkunu l-ħaddiema l-aktar affettwati mill-IA? [Mhux disponibbli bil-Malti]) Dokument ta' Ħidma Nru 26 tal-OECD dwar l-IA.
([34]) OECD (2023), OECD Employment Outlook 2023 (Rapport tal-OECD dwar il-Prospettiva tal-Impjieg 2023 [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([35]) Rapport tal-Kummissjoni Franċiża dwar l-IA Ġenerattiva, 2024.
([36]) Alekseeva, L. et al.(2021), The demand for AI skills in the labor market (Id-domanda għall-ħiliet tal-IA fis-suq tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]), Labour Economics, Vol. 71.
([37]) OCDE (2023), OECD Employment Outlook 2023 (Rapport tal-OECD dwar il-Prospettiva tal-Impjieg 2023 [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([38]) OECD (2023), The impact of AI on the workplace: Main findings from the OECD AI surveys of employers and workers (L-impatt tal-IA fuq il-post tax-xogħol: is-sejbiet ewlenin mill-istħarriġiet tal-OECD rigward l-IA fost l-impjegaturi u l-ħaddiema [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([39]) Böhmer & H. Schinnenburg (2023), Critical exploration of AI-driven HRM to build up organizational capabilities (Esplorazzjoni kritika tal-immaniġjar tar-riżorsi umani xprunata mill-IA biex jinbnew il-kapaċitajiet organizzattivi [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([40]) Kellogg et al., (2020), J. Adams-Prassl, H. Abraha et al (2023): Regulating algorithmic management: A blueprint (Ir-regolazzjoni tal-ġestjoni algoritmika: pjan iddettaljat [Mhux disponibbli bil-Malti]), European Labour Law Journal 2023, Vol. 14(2) pp. 124-151.
([41]) Nurski L. (2024), AI at Work, why there's more to it than task automation (L-IA fix-xogħol: x'hemm aktar minn sempliċi awtomatizzazzjoni tal-kompiti [Mhux disponibbli bil-Malti]), CEPS Explainer.
([42]) EPRS (2022), CIPD and PA Consulting; People and machines: from hype to reality (Il-persuni u l-magni: mill-paroli għar-realtà [Mhux disponibbli bil-Malti]); Chartered Institute of Personnel and Development, 2019.
([43]) Studju tal-PE, Improving working conditions using Artificial Intelligence (Intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol bl-użu tal-IA [Mhux disponibbli bil-Malti]), 2021.
([44]) Workplace Intelligence, AI at Work 2020 Study [Mhux disponibbli bil-Malti].
([45]) OECD (2023), OECD Employment Outlook 2023 (Rapport tal-OECD dwar il-Prospettiva tal-Impjieg 2023 [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([46]) Pessach, D., Singer, G., Avrahami, D., et al. (2020), Employees recruitment: A prescriptive analytics approach via machine learning and mathematical programming (Ir-reklutaġġ tal-impjegati: approċċ analitiku preskrittiv permezz tat-tagħlim awtomatiku u l-ipprogrammar matematiku [Mhux disponibbli bil-Malti]). Decision Support Systems.

4.3.3. L-applikazzjonijiet tal-IA jistgħu jiżguraw distribuzzjoni aktar komprensiva ta' informazzjoni ta' kwalità aħjar, jipprovdu għarfien profond dwar id-data u jtejbu l-kwalità tad-deċiżjonijiet delimitati.

4.3.4. Min-naħa l-oħra, jistgħu jinħolqu xi riskji jekk il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni affidabbli tas-sistemi tal-IA fuq il-post tax-xogħol ma jiġux issodisfati ([47]).

4.3.5. Is-sistemi ta' ġestjoni algoritmika jippermettu forma ta' kontroll mifrux ħafna aktar b'saħħtu minn kwalunkwe forma preċedenti ta' kontroll, b'impatti potenzjalment dannużi għall-ħaddiema ([48]). Inġabret evidenza ([49]) li turi l-impatt negattiv li l-ġestjoni algoritmika jista' jkollha fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u n-nuqqas ta' interess korporattiv biex jintużaw tali teknoloġiji ħalli jittejbu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali.

4.3.6. Il-ħaddiema jistgħu jiffaċċjaw **sorveljanza abbużiva, diskriminazzjoni, telf ta' awtonomija u riskji psikosoċjali** ([50]). L-għodod tal-IA jistgħu jfixklu l-kollettivi tal-post tax-xogħol u jaggravaw is-sentimenti ta' iżolament fost l-impjegati.

4.3.7. Is-sistemi tal-IA jistgħu jaggravaw l-asimmetriji tal-informazzjoni bejn il-maniġment u l-ħaddiema ([51]).

4.4. ***Nindirizzaw l-inugwaljanzi***

4.4.1. *Studji reċenti ffukati fuq l-IA ġenerattiva jenfasizzaw li dawn is-sistemi għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-**inugwaljanzi**, jipperpetwawhom, jew saħansitra joħolqu riskji ġodda ta' inugwaljanzi.*

4.4.1.1. L-inugwaljanzi bejn il-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet u dawk b'inqas ħiliet jistgħu potenzjalment jitnaqqsu. Il-biċċa l-kbira tal-istudji jaqblu li l-okkupazzjonijiet mhux manwali u ta' livell ogħla ta' ħiliet se jiffaċċjaw riskji akbar relatati mal-impjiegi bħala riżultat tal-adozzjoni tal-IA ġenerattiva ([52]). Jekk l-iskop tal-introduzzjoni tal-IA ġenerattiva huwa li tiżdied l-innovazzjoni tal-kumpaniji, tittejjeb l-organizzazzjoni tax-xogħol u tingħata spinta lill-impjiegi ta' kwalità, il-ħaddiema b'inqas ħiliet u b'inqas esperjenza se jkunu dawk li jibbenefikaw l-aktar mill-għodod tal-IA ġenerattiva, waqt li l-mudelli tal-IA se jxerrdu l-aħjar prattiki ta' ħaddiema esperti mar-rekluti ġodda ([53]).

4.4.1.2. In-nisa u l-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk akbar fl-età huma l-gruppi vulnerabbli l-aktar affettwati mill-IA ([54]). Minħabba li l-impjiegi klerikali huma aktar esposti għar-riskji tal-awtomatizzazzjoni, l-effetti fuq l-impjiegi huma bbażati fuq il-ġeneru, b'aktar mid-doppju tas-sehem tan-nisa potenzjalment affettwati mill-awtomatizzazzjoni ([55]) u aktar ta' spiss ikkonċernati fir-rigward tal-potenzjal ta' trasformazzjoni tal-impjieg tagħhom.

4.4.1.3. Il-proporzjon baxx ta' nisa fost il-gradwati fl-oqsma STEM jew fix-xjenza tal-kompjuters u t-teknoloġija tal-informazzjoni f'ċerti pajjiżi joħloq sfidi sinifikanti f'termini ta' inugwaljanzi fl-impjiegi u fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa fil-kuntest tat-tixrid tal-IA ([56]). Il-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi indirizzata aħjar fil-livelli kollha. Id-djalogu soċjali u politiki aħjar biex jiġu antiċipati dawn ix-xejriet huma kruċjali.

4.4.2. *Inugwaljanzi globali ġodda*

4.4.2.1. L-iżvilupp tal-IA huwa appoġġjat minn ħaddiema inviżibbli, li jinsabu l-aktar f'pajjiżi b'introjtu baxx, u li għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena ([57]).

([47]) V. Mandinaud, A. Ponce del Castillo (2024), AI systems, risks and working conditions AI systems, risks and working conditions, (Sistemi tal-IA, riskji u kundizzjonijiet tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]), Artificial intelligence, labour and society, ETUI.
([48]) Kellogg et al. 2020.
([49]) EU-OSHA(2024), Worker management through AI - From technology development to the impacts on workers and their safety and health, (Il-ġestjoni tal-ħaddiema permezz tal-IA - Mill-iżvilupp tat-teknoloġija sal-impatti fuq il-haddiema u s-sikurezza u s-saħħa tagħhom [Mhux disponibbli bil-Malti]), 2024.
([50]) EU-OSHA (2022), OSH Pulse - Occupational safety and health in post-pandemic workplaces (Il-polz tal-saħħa u sikurezza okkupazzjonali - is-saħħa u sikurezza okkupazzjonali fuq il-postijiet tax-xogħol ta' wara l-pandemija [Mhux disponibbli bil-Malti]), 2022.
([51]) OECD (2023).
([52]) Eloundou, T. et al. (2023), GPTs are GPTs: An Early Look at the Labor Market Impact Potential of Large Language Models (Ħarsa bikrija lejn il-potenzjal ta' impatt fuq is-suq tax-xogħol ta' mudelli lingwistiċi kbar [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([53]) Comunale et al. (2024); Brynjolfsson E. et al. (2023): Generative IA at work (L-IA ġenerattiva fuq il-post tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]), NBER Working Paper No. 3116.
([54]) OECD 2024.
([55]) Staff Ġlobali tal-ILO dwar il-ħaddiema tal-mikrokompiti (2017), Tubaro et al. (2020). The trainer, the verifier, the imitator: Three ways in which human platform workers support artificial intelligence. Big Data & Society, 7(1).
([56]) Rapport tal-Kummissjoni Franċiża dwar l-IA Ġenerattiva, 2024.
([57]) Fuq livell globali, l-iżvilupp tal-IA huwa appoġġjat minn ħaddiema inviżibbli, li jinsabu l-aktar f'pajjiżi b'introjtu baxx, u li għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena. Tubaro et al. (2020).

4.5. ***Id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-IA.***

4.5.1. Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistemi tal-IA u l-impatt tagħhom fuq kwistjonijiet organizzattivi, l-aċċettazzjoni, l-affidabbiltà u l-fiduċja fl-iżvilupp u l-adozzjoni tal-IA huma kruċjali biex jiġu promossi l-effetti pożittivi tal-IA ([58]).

4.5.2. Hemm evidenza li turi li l-konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema twassal għal prestazzjoni u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar ([59]). Meta r-rappreżentanti tal-ħaddiema jużaw is-sistema ta' "vuċi kollettiva" ta' kodeterminazzjoni, dan jgħin biex jiġu protetti l-privatezza, l-awtonomija u d-diskrezzjoni tal-ħaddiema fil-konfront tat-teknoloġiji tal-ġestjoni tal-forza tax-xogħol ([60]).

4.5.3. Sabiex jiġi żgurat djalogu soċjali effettiv fl-entitajiet kollha fejn tintuża l-IA, il-KESE jitlob li tiġi pprovduta gwida espliċita f'testi legali u mhux legali rilevanti.

4.5.4. In-nies u l-partijiet ikkonċernati għandhom jagħżlu l-użi u l-iskop tal-IA fis-soċjetajiet tagħna u fuq il-post tax-xogħol. L-imsieħba soċjali u ċ-ċittadini għandhom ikunu involuti fid-dibattiti pubbliċi, il-litteriżmu u t-taħriġ.

4.6. ***It-tħejjija għall-IA hija essenzjali*** ([61])***.***

4.6.1. Sabiex tiġi sfruttata l-introduzzjoni tal-IA fuq ix-xogħol, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ:

4.6.1.1. lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha biex jirrieżaminaw il-politiki dwar il-ħiliet sabiex jiġi żgurat li s-sistemi emerġenti tal-IA jikkomplementaw lill-ħaddiema aktar milli jissostitwuhom;

4.6.1.2. politiki pubbliċi biex jiġu żviluppati moduli tal-IA fl-edukazzjoni bikrija u t-taħriġ u biex il-materjali ta' sensibilizzazzjoni dwar l-IA jsiru disponibbli għaċ-ċittadini. Dawn il-politiki għandhom jipprovdu edukazzjoni formali dwar it-teknoloġiji tal-IA fi stadju bikri, u b'ħekk jippermettu l-akkulturazzjoni taċ-ċittadini kollha;

4.6.1.3. implimentazzjoni rapida tal-Artikolu 4 tal-Att dwar l-IA, li skontu l-fornituri u l-implimentaturi tas-sistemi tal-IA jeħtiġilhom jadottaw miżuri biex jiżguraw livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA fost il-persunal tagħhom.

5. **L-infurzar u l-adattament tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE**

5.1. ***Il-GDPR*** ([62]) ***mhuwiex imfassal speċifikament biex jindirizza kif imiss il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data fuq il-post tax-xogħol.***

5.1.1. Il-bażijiet legali tal-GDPR bħala regolament awtonomu mhumiex biżżejjed biex jimmitigaw ir-riskju ta' sistemi tal-IA dannużi fuq il-post tax-xogħol peress li ma jqisux in-natura speċifika tas-sistemi tal-IA fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-impjiegi u tal-post tax-xogħol.

5.1.2. Hemm kunsens li la l-kunsens tal-impjegati u lanqas l-interess leġittimu ma jikkostitwixxu bażi valida għall-ipproċessar tad-data fil-kuntest tad-dinamika asimmetrika tas-setgħa fuq il-post tax-xogħol ([63]). Hemm evidenza minn stħarriġ reċenti ta' 6 300 ħaddiem fil-pajjiżi Nordiċi li l-abbuż iseħħ f'tali setgħa asimmetrika fis-setturi kollha koperti mill-istudju ([64]).

5.1.3. L-Artikolu 15(1)(h) tal-GDPR dwar ir-rekwiżiti ta' trasparenza għandu kamp ta' applikazzjoni limitat peress li jeskludi t-teħid ta' deċiżjonijiet semiawtomatizzat.

([58]) OECD (2024).
([59]) OECD (2023), 'The impact of AI on the workplace: Main findings from the OECD AI surveys of employers and workers (L-impatt tal-IA fuq il-post tax-xogħol: is-sejbiet ewlenin mill-istħarriġiet tal-OECD rigward l-IA fost l-impjegaturi u l-ħaddiema [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([60]) FEPS (2024), Algorithm by and for the workers (Algoritmu mill-ħaddiema u għalihom [Mhux disponibbli bil-Malti]).
([61]) Cazzaniga et al. (2024).
([62]) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
([63]) EPRS (2022).
([64]) FEPS (2024).

5.1.4. L-impjegati jistgħu jiġu affettwati aktar mill-ipproċessar ta' data miġbura minn impjegati oħra milli minn data miġbura relatata magħhom ([65]). Id-drittijiet tat-trade unions jew tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jikkontrollaw il-ġbir u l-ipproċessar tad-data huma limitati. Is-suppożizzjoni li l-ħsara relatata mal-privatezza hija dejjem individwali tikkostitwixxi dgħufija sinifikanti fil-kuntest tas-sistemi ta' ġestjoni algoritmika. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt relatati mal-protezzjoni tad-data mhumiex biżżejjed.

5.1.5. L-Artikolu 88 tal-GDPR jgħid li l-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-impjiegi għandu jiġi indirizzat permezz ta' "regoli aktar speċifiċi", li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri bil-liġi jew permezz ta' ftehimiet kollettivi ([66]). Minn meta daħal fis-seħħ il-GDPR, l-Artikolu 88 ġie implimentat ħażin u baqa' bla valur fi kważi l-Istati Membri kollha ([67]).

5.1.6. Sabiex il-ħaddiema jingħataw aktar kontroll fuq id-data tagħhom, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tadotta miżuri biex tiżgura li l-Artikolu 88 tal-GDPR jiġi infurzat b'mod effettiv.

5.2. *L-Att dwar l-IA*

5.2.1. L-għan ġenerali tal-Att dwar l-IA huwa li jistimula l-adozzjoni u t-tixrid tal-IA fl-UE, billi jmexxi 'l quddiem qafas legali uniformi għal "IA affidabbli", ibbażat fuq il-loġika li jekk jiġu indirizzati r-riskji assoċjati mal-użi tagħha, l-adozzjoni tagħha se tiżdied. Peress li huwa att leġiżlattiv trażversali, ir-Regolament isegwi għadd ta' objettivi prevalenti, bħal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali. Il-bażi legali tal-Att dwar l-IA hija primarjament ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet tas-suq uniku tat-TFUE. L-Att dwar l-IA mhuwiex imfassal speċifikament biex jindirizza kwistjonijiet fuq il-post tax-xogħol ([68]).

5.2.2. L-Att dwar l-IA jimponi limitazzjonijiet fuq l-użu tal-IA fuq il-post tax-xogħol permezz tal-projbizzjoni ta' ċerti sistemi u rekwiżiti stretti assoċjati mal-forniment jew mal-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IA, speċjalment dawk ikkategorizzati bħala b'riskju għoli minħabba l-applikazzjoni tagħhom fl-impjieg, fil-ġestjoni tal-ħaddiema u fl-aċċess għal impjieg indipendenti. F'dan ir-rigward, l-Att dwar l-IA jirrappreżenta pass importanti fid-direzzjoni t-tajba.

5.2.3. Il-KESE jidentifika diversi lakuni fl-Att dwar l-IA rigward id-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol.

5.2.3.1. L-Att dwar l-IA jirrikonoxxi li definizzjoni ex ante tar-riskju mhijiex biżżejjed għall-protezzjoni kontra l-ħsara potenzjali kkawżata mis-sistemi tal-IA, u li ma tistax tiġi stabbilita bis-sħiħ minn qabel, peress li tiddependi wkoll mill-kuntest tal-implimentazzjoni ([69]). Is-sistemi għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati mas-sistemi tal-IA b'riskju kbir għandhom jiġu implimentati matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistema (l-Artikolu 9). Madankollu, l-Att dwar l-IA jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-possibbiltà li, għalkemm sistema tal-IA tista' tkun konformi mar-Regolament, din tista' toħloq riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni jew għad-drittijiet fundamentali. (L-Artikolu 82) ([70]).

5.2.3.2. L-obbligu li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt fuq id-Drittijiet Fundamentali fuq sistemi b'riskju għoli japplika biss għal korpi rregolati mil-liġi pubblika, entitajiet privati li jipprovdu servizz pubbliku, u entitajiet bankarji u tal-assigurazzjoni (l-Artikolu 27).

5.2.3.3. Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema se jkollhom biss id-dritt għall-informazzjoni, u mhux li jiġu kkonsultati (l-Artikolu 26(7)). L-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja (l-Artikolu 57) u l-ittestjar tas-sistemi b'riskju għoli fil-kundizzjonijiet tad-dinja reali (l-Artikolu 60) huma permessi esklużivament qabel ma s-sistema titqiegħed fis-servizz.

([65]) Martin Tisné (2020), The Data Delusion: protecting individual data isn't enough when the harm is collective (Id-delużjoni tad-data: il-protezzjoni tad-data tal-individwu mhijiex biżżejjed meta d-dannu huwa kollettiv [Mhux disponibbli bil-Malti]), Luminate, Stanford University's Cyber Policy Center.

([66]) L-Artikolu 88 għadu sottoutilizzat b'mod estensiv fl-Istati Membri tal-UE.

([67]) Abraha H. (2023), Article 88 GDPR and the Interplay between EU and Member State Employee Data protection rules (L-Artikolu 88 tal-GDPR u l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-UE u dawk tal-Istati Membri rigward il-protezzjoni tad-data tal-impjegati [Mhux disponibbli bil-Malti]), The Modern Law Review.

([68]) Aida Ponce Del Castillo, The EU's AI Act: governing through uncertainties and complexity, identifying opportunities for action, global workplace law and policy (L-Att tal-UE dwar l-IA - governanza f'perjodi ta' inċertezzi u kumplessità, identifikazzjoni ta' opportunitajiet għal azzjoni, liġi u politika globali dwar il-post tax-xogħol [Mhux disponibbli bil-Malti]), kluwerlawonline.com, 2024.

([69]) Isabel Kusche (2024), Possible harms of artificial intelligence and the EU AI act: fundamental rights and risk (Id-danni possibbli tal-intelliġenza artifiċjali u l-Att tal-UE dwar l-IA: drittijiet fundamentali u r-riskji [Mhux disponibbli bil-Malti]), Journal of Risk Research.

([70]) Isabel Kusche (2024).

5.2.3.4. Il-KESE huwa tal-fehma li l-esperimentazzjoni hija kruċjali biex tippermetti lill-organizzazzjonijiet jidentifikaw ir-riskji, jittestjaw għal konsegwenzi mhux intenzjonati u jirfinaw l-algoritmi f'ambjent ikkontrollat qabel l-implimentazzjoni fuq skala sħiħa. L-Att dwar l-IA għandu jkun appoġġjat minn gwida espliċita biex tiġi pprovduta ċarezza legali u jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-infurzar mhux ambigwi tiegħu.

5.2.4. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, il-KESE jistieden lill-Uffiċċju tal-IA jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali transsettorjali Ewropej meta jiżviluppa l-ewwel linji gwida tiegħu, sabiex jipproduċi linji gwida u kjarifiki ċari dwar is-sistemi tal-IA li jiddeduċu l-emozzjonijiet tal-persuni fiżiċi. Għandhom jiġu stabbiliti mezzi ta' koordinazzjoni profondi, robusti u strutturati b'mod ċar bejn l-Uffiċċju tal-IA u d-DĠ EMPL u d-DĠ Connect tal-Kummissjoni Ewropea.

5.2.5. Il-KESE jqis li huwa f'idejn il-fornituri biex iwettqu Valutazzjoni tal-Impatt *ex ante* fuq id-Drittijiet Fundamentali għal sistemi b'riskju għoli qabel ma dawn jintużaw fl-entitajiet kollha.

5.2.6. Il-KESE jitlob li jiġu inklużi linji gwida ċari dwar kif l-ambjenti ta' esperimentazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-ittestjar fid-dinja reali jistgħu jintużaw fi kwalunkwe inizjattiva futura dwar l-IA fuq il-post tax-xogħol.

5.3. ***Direttivi dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati, is-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, u l-Ftehim Qafas tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar id-Diġitalizzazzjoni awtonomu.***

5.3.1. Id-Direttiva 2002/14/KE ([71]) tiggarantixxi drittijiet kollettivi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni għar-rappreżentanti tal-impjegati u tkopri kwalunkwe miżura antiċipatorja li toħloq theddida għall-impjieg, kif ukoll kwalunkwe deċiżjoni li twassal għal "tibdil sostanzjali" fl-organizzazzjoni tax-xogħol (l-Artikolu 4). Skont id-Direttiva 89/391/KE ([72]), l-impjegaturi jridu jiżguraw is-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fl-aspetti kollha relatati max-xogħol u jeħtiġilhom jipprovdu informazzjoni u taħriġ u jikkonsultaw lir-rappreżentanti tal-ħaddiema dwar is-saħħa u s-sikurezza. Madankollu, il-mod mhux trasparenti li bih jiġu introdotti l-għodod tal-IA, in-natura li qed tevolvi tagħhom, u l-kumplessità involuta fid-definizzjoni ta' "bidliet sostanzjali", jirrikjedi li dawn id-Direttivi jissaħħu permezz ta' gwida espliċita.

5.3.2. Id-dimensjoni tan-natura iterattiva u dinamika tas-sistemi tal-IA taqbel mal-proċess ta' djalogu iterattiv li jinsab fil-Ftehim Qafas tal-Imsieħba Soċjali Ewropej dwar id-Diġitalizzazzjoni ([73]).

5.3.3. Madankollu, il-ftehim jindirizza biss kwistjonijiet tal-IA b'mod marġinali, u l-azzjonijiet speċifiċi relatati mal-IA mill-imsieħba soċjali nazzjonali b'rabta mal-implimentazzjoni tiegħu kienu pjuttost limitati, waqt li l-biċċa l-kbira tagħhom jindirizzaw biss kwistjonijiet relatati mat-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni.

5.3.4. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tindirizza l-kuntest tal-IA b'mod ċar fi strument *ad hoc*, sabiex titqies id-dimensjoni dinamika tad-djalogu soċjali u l-valutazzjonijiet tar-riskju għas-saħħa u s-sikurezza tas-sistemi tal-IA fil-ftehim awtonomu.

5.4. ***Id-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi*** ([74])**.**

5.4.1. Id-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi li jmiss tinkludi dispożizzjonijiet li jistgħu jirregolaw b'mod effettiv is-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet. B'mod speċifiku, il-Kapitolu III ([75]):

— jespandi r-reġim ta' trasparenza algoritmika tal-GDPR biex ikopri kemm id-deċiżjonijiet awtomatizzati kif ukoll dawk semiawtomatizzati;

— jistabbilixxi dritt kollettiv għall-informazzjoni u l-għarfien espert billi jirrikjedi li l-pjattaformi tax-xogħol diġitali jagħmlu s-sistemi ta' ġestjoni algoritmika intelliġibbli għall-ħaddiema tal-pjattaformi, ir-rappreżentanti tagħhom, u l-awtoritajiet tax-xogħol;

— jipprevedi li l-pjattaformi għandhom jikkomunikaw il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data lir-rappreżentanti tal-ħaddiema;

([71]) ĠU L 80, 23.3.2002, p. 29.
([72]) ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
([73]) https://resourcecentre.etuc.org/agreement/framework-agreement-digitalisation.
([74]) ĠU L, 2024/2831, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/2831/oj.
([75]) J. Adams-Prassl, H. Abraha et al (2023).

— jipprojbixxi l-ipproċessar ta' data personali "li mhijiex intrinsikament konnessa mal-prestazzjoni tal-kuntratt (...) jew strettament meħtieġa minnha" u jipprojbixxi l-ipproċessar ta' kwalunkwe data personali "dwar l-istat emottiv jew psikoloġiku" tal-ħaddiema tal-pjattaformi fiċ-ċirkostanzi kollha.

— jintroduċi dritt għal interfaċċa umana (l-Artikolu 10 dwar is-sorveljanza mill-bniedem tas-sistemi ta' monitoraġġ u tas-sistemi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-Artikolu 11 dwar ir-rieżami mill-bniedem);

— jintroduċi, fl-Artikolu 12 dwar is-sikurezza u s-saħħa, rekwiżiti speċifiċi għall-evalwazzjoni tar-riskji li s-sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ jew ta' teħid ta' deċiżjonijiet joħolqu għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

5.4.2. Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi japplikaw biss għall-persuni li jwettqu xogħol fuq il-pjattaformi. Madankollu, il-prattiki ta' ġestjoni algoritmika f'postijiet tax-xogħol regolari diġà huma realtà ([76]), pereżempju fl-allokazzjoni u l-ottimizzazzjoni tax-xiftijiet tax-xogħol, l-iskrinjar u l-valutazzjoni tal-applikanti għal impjieg, il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjiegi, u l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' riżorsi umani. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi biex ikopri l-ħaddiema kollha.

Brussell, it-22 ta' Jannar 2025

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

([76]) EU Science Hub (2024), Algorithmic management practices in regular workplaces are already a reality (Il-prattiki ta' ġestjoni algoritmika fuq il-postijiet tax-xogħol regolari diġà huma realtà [Mhux disponibbli bil-Malti]).

ANNESS I

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 14(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

EMENDA 1

SOC/803

Intelliġenza artifiċjali favur il-ħaddiema

Ibdel l-Opinjoni kollha ppreżentata mis-Sezzjoni SOC bit-test li ġej (Raġuni mogħtija fl-aħħar tad-dokument):

Emenda

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Hekk kif id-dinja issa tinsab fl-għatba ta' rivoluzzjoni diġitali oħra, ikkawżata mit-tixrid tal-intelliġenza artifiċjali (IA), l-Ewropa għandha l-opportunità li tirrimedja n-nuqqasijiet tagħha fl-innovazzjoni u l-produttività u li tirrestawra l-potenzjal tagħha tal-manifattura ([1]).

1.2. Bħalissa l-Ewropa hija dgħajfa fit-teknoloġiji diġitali bħall-IA ([2]). L-Istati Uniti u ċ-Ċina diġà huma avvanzati ħafna u ser ikun diffiċli li dan id-distakk jingħeleb ([3]). Barra minn hekk, hemm differenzi kbar fit-tkabbir tal-produttività tax-xogħol bejn l-Istati Uniti u l-UE (iż-żona tal-euro) ([4]). Mill-pandemija sa nofs l-2024, il-produttività tax-xogħol għal kull siegħa maħduma żdiedet b'0,9 % fiż-żona tal-euro, meta mqabbla ma' 6,7 % fl-Istati Uniti. L-analiżi tal-Bank Ċentrali Ewropew issostni li dawn iċ-ċifri huma assoċjati mal-bidla fis-suq tax-xogħol u investiment ogħla fid-diġitalizzazzjoni ([5]).

1.3. Il-benefiċċji potenzjali tal-użu tal-IA huma sostanzjali: apparti li żżid il-kompetittivtà u l-produttività, l-IA tixpruna l-innovazzjoni u l-progress xjentifiku ([6]), tħeġġeġ it-tranżizzjoni ekoloġika ([7]) u tappoġġja titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Irridu niżguraw li l-UE ma tkunx telliefa fit-tranżizzjoni diġitali. Sabiex jinkiseb benefiċċju mill-potenzjal tal-IA, jeħtieġ li jitwarrbu l-miti u jittaffew il-biżgħat dwar l-IA.

1.4. Fid-dinja tax-xogħol, fost il-benefiċċji tal-IA nsibu l-awtomatizzazzjoni ta' kompiti ripetittivi u tedjanti; li l-kapaċitajiet tal-impjegati jiġu kkomplementati u dawn jinħelsu biex ikunu jistgħu jiffokaw fuq xogħol aktar stimolanti li jżid valur akbar; u li l-ħaddiema jkunu jistgħu jlestu l-kompiti tagħhom aktar malajr u jtejbu l-kwalità tar-riżultati tagħhom. L-IA tista' tappoġġja wkoll it-titjib tal-organizzazzjoni tax-xogħol u t-tfassil tal-impjieg u l-identifikazzjoni aħjar tal-ħiliet futuri u l-ħtiġijiet ta' reklutaġġ ([8]). Dan jirrikjedi li l-IA tiġi aċċettata aktar mill-ħaddiema u li jkun hemm kooperazzjoni magħhom kif ukoll li jiġu pprovduti bit-taħriġ meħtieġ biex ikunu jistgħu jimplimentaw u jużaw l-IA fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jfakkar li l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-użu tal-IA jridu dejjem isegwu l-prinċipju "human-in-command".

1.5. L-użu mifrux tal-IA ser ikun ta' benefiċċju wkoll għall-kapaċità tal-maniġers u tal-ħaddiema li jtejbu s-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali billi jsaħħu l-valutazzjoni tar-riskju imparzjali u bbażata fuq l-evidenza kif ukoll spezzjonijiet immirati fl-oqsma tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u billi, b'mod fattibbli, jikkontribwixxu biex jiġu identifikati aħjar il-kwistjonijiet (inklużi r-riskji psikosoċjali) fejn hemm bżonn ta' interventi. Dan jinkludi prevenzjoni aħjar tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol ([9]).

([1]) Kummissjoni Ewropea (2024) *The future of European competitiveness part A a competitiveness strategy for Europe* (Il-futur tal-kompetittività Ewropea | Parti A | Strateġija kompetittiva għall-Ewropa – mhux disponibbli bil-Malti).

([2]) Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, AI investment: EU and global indicators (Investiment fl-IA: indikaturi globali u tal-UE – mhux disponibbli bil-Malti).

([3]) Kummissjoni Ewropea (2024) *The future of European competitiveness part B In-depth analysis of recommendations* (Il-futur tal-kompetittività Ewropea | Parti B | Analiżi fil-fond tar-rakkomandazzjonijiet – mhux disponibbli bil-Malti).

([4]) https://www.ecb.europa.eu/press/economic-bulletin/focus/2024/html/ecb.ebbox202406_01~9c8418b554.mt.html.

([5]) https://www.ecb.europa.eu/press/economic-bulletin/focus/2024/html/ecb.ebbox202404_01~3ceb83e0e4.en.html.

([6]) Ara pereżempju l-pjattaforma AI World tas-CEPS Navigate Tomorrow's Intelligence Today/AI World (Innaviga llum l-intelliġenza ta' għada – mhux disponibbli bil-Malti).

([7]) OECD (2024), *OECD Digital Economy Outlook 2024 (Volume 1): Embracing the Technology Frontier*, (Il-perspettiva tal-ekonomija diġitali tal-OECD 2024 (Volum 1): Naċċettaw l-avvanzi fit-teknoloġija), OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/a1689dc5-en (mhux disponibbli bil-Malti).

([8]) Ara pereżempju M. Lane, M. Williams u S. Broecke (2023), The impact of AI on the workplace: Main findings from the OECD AI surveys of employers and workers (L-impatt tal-IA fuq il-post tax-xogħol: Sejbiet ewlenin mill-istħarriġ tal-OECD dwar l-impatt tal-IA fuq l-impjegaturi u l-ħaddiema – mhux disponibbli bil-Malti), OECD Social, Employment and Migration Working Papers, Nru 288, OECD Publishing, Pariġi.

([9]) EU-OSHA (2021) *Impact of artificial intelligence on occupational safety and health* (L-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali – mhux disponibbli bil-Malti).

1.6. Fl-istess ħin, hemm biżgħat u tħassib marbuta ma' użu aktar mifrux tal-IA fid-dinja tax-xogħol. Dawn jinkludu, pereżempju, l-intensifikazzjoni tax-xogħol li twassal għal żieda fl-istress, aktar monitoraġġ u kontroll, nuqqas ta' sorveljanza umana, telf ta' awtonomija u ħiliet miksuba li malajr ma jibqgħux jintużaw.

1.7. Sabiex jiġu indirizzati dawn il-biżgħat, l-imsieħba soċjali u d-djalogu soċjali fil-livelli kollha għandhom rwol essenzjali x'jaqdu. Il-KESE jqis li l-promozzjoni ta' IA responsabbli u "affidabbli" fid-dinja tax-xogħol teħtieġ ambjent pożittiv u abilitanti għad-djalogu soċjali f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali applikabbli.

1.8. Il-KESE jinnota li b'kollox hemm 116-il att leġiżlattiv fl-aġenda diġitali tal-UE għall-2030 ([10]). B'mod aktar speċifiku, l-impatt tal-IA fuq id-dinja tax-xogħol diġà huwa kopert mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-IA, skont il-prinċipju "human-in-command", kif ukoll il-leġiżlazzjoni soċjali eżistenti ([11]). L-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas legali eżistenti huma essenzjali biex jiġi żgurat l-użu bla xkiel tal-IA sabiex tkun tista' tixpruna l-progress ekonomiku u teknoloġiku fl-UE.

1.9. Fid-dawl ta' dan kollu, il-KESE jiddispjaċih li minkejja l-qafas leġiżlattiv wiesa' eżistenti li diġà jipprovdi regolamentazzjoni komprensiva u suffiċjenti tal-IA fil-ħajja tax-xogħol, il-Kummissjoni Ewropea tqis li għad hemm bżonn ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fid-dinja tax-xogħol ([12]). Dan jikkontradixxi wkoll l-impenn politiku attwali għas-semplifikazzjoni regolatorja u t-tnaqqis tar-rekwiżiti regolatorji u ta' rappurtar b'25 %. It-tibdil tal-qafas regolatorju eżistenti saħansitra qabel ma jiġi implimentat jibgħat messaġġ negattiv ħafna f'termini ta' avvanz u investiment fl-IA fl-UE.

1.10. Minflok, il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-kumpaniji jiżviluppaw approċċi responsabbli u etiċi biex jaħdmu mat-teknoloġiji tal-IA fi ħdan il-qafas legali attwali. Dan jiżgura li l-awtonomija tal-imsieħba soċjali tiġi rispettata u li l-użu tal-IA jkun għodda biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, tiġi avvanzata t-tranżizzjoni ekoloġika u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE.

1.11. Biex il-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, jiġu appoġġjati b'mod effettiv fl-adozzjoni tal-IA, hemm bżonn ta' (i) implimentazzjoni u infurzar effiċjenti u effettivi tal-leġiżlazzjoni u l-gwida eżistenti filwaqt li akkost ta' kollox jiġi evitat li jiġu introdotti rekwiżiti addizzjonali kif ukoll rappurtar multiplu; (ii) djalogu soċjali b'saħħtu anke billi jerġgħu jissaħħu l-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali u fl-istess ħin jiġu rispettati l-prattiki nazzjonali; u (iii) forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u opportunitajiet ta' taħriġ adegwati.

2. **L-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA għall-ekonomija tal-UE**

2.1. L-Opinjoni SOC/803 tħejjiet abbażi tal-proposta ta' Opinjoni fuq inizjattiva proprja mill-Grupp II (proposta taħt it-titolu oriġinali: "*Għal intelliġenza artifiċjali favur il-ħaddiema: ir-rwol tat-trade unions biex jipprevjenu u jimminimizzaw l-impatti negattivi fuq id-dinja tax-xogħol*") li kellha l-għan li tivvaluta l-impatt tal-IA fid-dinja tax-xogħol u li tipprovdi proposti (leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi) u rakkomandazzjonijiet biex tiġi indirizzata l-protezzjoni tal-privatezza tal-ħaddiema u tad-drittijiet fundamentali, u li aktar tard ġiet maqgħuda mal-Opinjoni esploratorja bit-titolu "L-intelliġenza artifiċjali – il-potenzjal u r-riskji fil-kuntest tal-politiki dwar l-impjiegi u s-suq tax-xogħol" mitluba mill-Presidenza Pollakka ([13]).

([10]) Bruegel_factsheet_2024_0.pdf. (mhux disponibbli bil-Malti).

([11]) Ara t-taqsima 3 ta' din il-kontropinjoni għal aktar referenza.

([12]) Kif iddikjarat fl-ittra ta' missjoni ta' Roxana Mînzatu, Viċi President Eżekuttiv.

([13]) It-talba mill-Presidenza Pollakka għal Opinjoni esploratorja kienet intitolata "L-intelliġenza artifiċjali – il-potenzjal u r-riskji fil-kuntest tal-politiki dwar l-impjiegi u s-suq tax-xogħol".

2.2. Il-KESE jemmen li l-IA għandha l-potenzjal li trendi benefiċċji tremendi, inklużi titjib fil-produttività, aċċellerazzjoni tal-progress xjentifiku u għajnuna biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima ([14]). Din tixpruna l-innovazzjoni u bir-raġun issejħet forza trasformattiva li ssawwar mill-ġdid l-ekonomija kollha tagħna ([15]). Huwa ta' importanza kbira li n-negozji tal-UE jkunu fuq quddiem nett f'dan l-iżvilupp biex isaħħu l-kompetittività tal-UE u jippożizzjonaw lill-UE bħala referenza internazzjonali tal-IA. *Permezz tal-intelliġenza artifiċjali (IA) tagħna, l-Ewropa diġà qed twitti t-triq biex l-IA ssir aktar sikura u aktar affidabbli, u biex jiġu indirizzati r-riskji li jirriżultaw mill-użu ħażin tagħha. Issa rridu niffukaw l-isforzi tagħna biex inkunu minn ta' quddiem nett fid-dinja fl-innovazzjoni tal-IA* ([16]).

2.3. It-trasformazzjoni diġitali tirrappreżenta opportunità għall-Ewropa iżda qed niffaċċjaw sfidi sinifikanti. L-istimi juru li l-adozzjoni inizjalment bil-mod tal-għodod tal-IA fil-kumpaniji Ewropej żdiedet b'mod rapidu minn mindu nħolqu l-għodod tal-IA ġenerattiva, iżda jidher li hemm diskrepanza sinifikanti fl-adozzjoni bejn l-intrapriżi l-kbar u l-SMEs ([17]). Hemm differenzi settorjali u minn pajjiż għal ieħor: skont l-Eurostat, fl-2023, l-użu tal-IA kien wiesa' fis-setturi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni kif ukoll fl-attivitajiet professjonali u dawk xjentifiċi u tekniċi, waqt li l-adozzjoni f'setturi oħra kienet limitata aktar. Hemm ukoll differenzi sinifikanti fl-adozzjoni fil-pajjiżi tal-UE ([18]).

2.4. Kif jingħad fir-rapport ta' Draghi, li hekk kif id-dinja issa tinsab fl-għatba ta' rivoluzzjoni diġitali oħra, ikkawżata mit-tixrid tal-intelliġenza artifiċjali (IA), l-Ewropa għandha l-opportunità li tirrimedja n-nuqqasijiet tagħha fl-innovazzjoni u l-produttività u li tirrestawra l-potenzjal tagħha tal-manifattura ([19]). Madankollu, l-Ewropa hija dgħajfa fit-teknoloġiji diġitali bħall-IA. L-Istati Uniti u ċ-Ċina diġà huma avvanzati ħafna u ser ikun diffiċli li dan id-distakk jingħeleb ([20]).

2.5. L-għodda "Global AI Vibrancy" ([21]) tal-Università ta' Stanford turi l-klassifikazzjoni tal-pajjiżi individwali fir-rigward tad-dinamiżmu tagħhom fl-IA. L-Istati Uniti, iċ-Ċina u r-Renju Unit jinsabu fl-ewwel tliet postijiet u fost l-ewwel 10 pajjiżi hemm biss żewġ Stati Membri tal-UE (Franza u l-Ġermanja, li huma kklassifikati fil-5 u t-8 post rispettivament). Fir-rigward tal-oriġini tal-mudelli tal-IA, skont ir-Rapport tal-Indiċi tal-IA ([22]), 61 mudell notevoli tal-IA oriġinaw minn istituzzjonijiet ibbażati fl-Istati Uniti, li b'mod ċar jisbqu l-21 mudell tal-IA tal-UE u l-15 taċ-Ċina.

2.6. Skont l-istħarriġ globali ta' McKinsey ([23]), 65 fil-mija tar-rispondenti jirrapportaw li l-organizzazzjonijiet tagħhom qed jużaw regolarment IA ġenerattiva, kważi d-doppju tal-perċentwal mill-istħarriġ preċedenti tagħhom inqas minn sena ilu. Dan għandu impatt fuq il-prestazzjoni tal-kumpanija. Pereżempju, bl-użu ta' teknoloġiji magħrufa sew tal-IA ġenerattiva fuq il-post tax-xogħol, stimi approssimattivi jindikaw żidiet ta' 10-20 % fl-effiċjenza u, meta l-IA tintuża biex isawwar mill-ġdid il-flussi tax-xogħol u l-kompiti, il-potenzjal jista' jkun saħansitra akbar ([24]). Il-funzjonijiet li għalihom il-kumpaniji jużaw l-IA ħafna drabi huma l-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ u fl-iżvilupp tal-prodotti u tas-servizzi kif ukoll fl-IT ([25]).

2.7. ***L-opportunitajiet u l-isfidi tal-IA fid-dinja tax-xogħol***

2.7.1. L-IA ser taffettwa lid-dinja tax-xogħol b'ħafna modi u tista' ssir karatteristika prominenti tal-impjiegi ta' ħafna nies fis-setturi kollha tal-ekonomija. Hemm kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi u kif dawn huma perċepiti kemm mill-impjegaturi kif ukoll mill-ħaddiema wkoll għandhom rwol importanti.

([14]) OECD (2024), *OECD Digital Economy Outlook 2024 (Volume 1): Embracing the Technology Frontier,* (Il-perspettiva tal-ekonomija diġitali tal-OECD 2024 (Volum 1): Naċċettaw l-avvanzi fit-teknoloġija), OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti).

([15]) Ara pereżempju l-pjattaforma AI World tas-CEPS Navigate Tomorrow's Intelligence Today/AI World (Innaviga llum l-intelliġenza ta' għada – mhux disponibbli bil-Malti).

([16]) Linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024-2029.

([17]) Fl-2023, 8 % tal-intrapriżi tal-UE użaw teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali. Għall-intrapriżi l-kbar tal-UE din iċ-ċifra kienet ta' 30,4 %. Ara l-Eurostat L-użu tal-intelliġenza artifiċjali fl-intrapriżi – L-istatistika spjegata.

([18]) Eurostat L-użu tal-intelliġenza artifiċjali fl-intrapriżi – L-istatistika spjegata.

([19]) Kummissjoni Ewropea (2024) *The future of European competitiveness part A a competitiveness strategy for Europe* (Il-futur tal-kompetittività Ewropea | Parti A | Strateġija kompetittiva għall-Ewropa – mhux disponibbli bil-Malti).

([20]) Kummissjoni Ewropea (2024) *The future of European competitiveness part B In-depth analysis of recommendations* (Il-futur tal-kompetittività Ewropea | Parti B | Analiżi fil-fond tar-rakkomandazzjonijiet – mhux disponibbli bil-Malti).

([21]) Global AI vibrancy tool.

([22]) Ir-rapport tal-indiċi tal-IA ara wkoll hawnhekk.

([23]) The state of AI in early 2024: Gen AI adoption spikes and starts to generate value (Is-sitwazzjoni tal-IA fil-bidu tal-2024: l-IA ġenerattiva qed tintuża aktar u qed tibda tiġġenera valur – mhux disponibbli bil-Malti).

([24]) Boston Consulting Group (2023) Turning GenAI Magic into Business Impact (Nibdlu l-maġija tal-IA ġenerattiva f'riżultati kummerċjali – mhux disponibbli bil-Malti).

([25]) The state of AI in early 2024: Gen AI adoption spikes and starts to generate value (Is-sitwazzjoni tal-IA fil-bidu tal-2024: l-IA ġenerattiva qed tintuża aktar u qed tibda tiġġenera valur – mhux disponibbli bil-Malti).

2.7.2. L-IA ttejjeb il-produttività, pereżempju billi tawtomatizza l-kompiti ta' rutina u tikkomplementa l-kapaċitajiet tal-ħaddiema ([26]). Wieħed mill-10 punti ewlenin tar-rapport ([27]) dwar l-indiċi tal-IA kien li l-IA tappoġġja lill-ħaddiema biex ikunu aktar produttivi u twassal għal xogħol ta' kwalità ogħla. L-IA tippermetti lill-ħaddiema jlestu l-kompiti tagħhom aktar malajr u jtejbu l-kwalità tar-riżultati tagħhom. Hemm studji li juru l-potenzjal tal-IA li tnaqqas id-distakk fil-ħiliet bejn il-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet u dawk b'livell għoli ta' ħiliet. Fl-istess ħin, studji oħra jwissu li l-użu tal-IA mingħajr sorveljanza adegwata mill-bniedem jista' jwassal għal tnaqqis fil-prestazzjoni.

2.7.3. L-għodod tal-IA jistgħu jgħinu lill-kumpaniji jidentifikaw x'tip ta' ħiliet huma neqsin fil-forza tax-xogħol tagħhom u jindirizzaw id-diskrepanzi fil-ħiliet diġitali (jew ħiliet oħra) ([28]). Għalhekk, l-IA tista' tgħin lill-kumpaniji jbassru aħjar il-ħtiġijiet ta' reklutaġġ futuri. Kif indikat ukoll mill-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), 70 % tal-aġenti tar-riżorsi umani madwar l-Ewropa qed jużaw xi tip ta' għodda tal-IA meta jfittxu jew jivvalutaw il-kandidati u li l-proċeduri ta' reklutaġġ assistiti mill-IA jistgħu jtejbu wkoll l-esperjenza tal-proċess tal-applikanti ([29]).

2.7.4. Hemm studji li juru l-impatti tal-IA fuq l-impjieg. In-nota ta' diskussjoni tal-Fond Monetarju Internazzjonali ([30]) tqis li 40 % tal-impjieg globali ser ikunu espost għall-IA. B'mod speċifiku, f'ekonomiji avvanzati huwa stmat li 60 % tal-impjiegi huma esposti għall-IA, u nofs dawn l-impjiegi jibbenefikaw mill-IA u żieda fil-produttività filwaqt li madwar nofshom jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mill-IA. Skont il-Forum Ekonomiku Dinji ([31]), huwa mistenni tkabbir nett ta' 78 miljun impjieg (7 % tal-impjieg totali tal-lum) sal-2030.

2.7.5. Skont stħarriġ fuq skala wiesgħa tal-OECD dwar il-ħaddiema u l-impjegaturi u l-impatt tal-IA fuq il-post tax-xogħol, il-ħaddiema u l-impjegaturi kienu pożittivi ħafna dwar l-impatt tal-IA fuq il-prestazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Pereżempju, 79 % u 80 % tal-utenti tal-IA fis-setturi tal-finanzi u tal-manifattura, rispettivament, qalu li l-IA kienet tejbet il-prestazzjoni tagħhom, meta mqabbla ma' 8 % fiż-żewġ setturi li qalu li bl-IA l-prestazzjoni tagħhom marret għall-agħar. Fl-indikaturi kollha tal-prestazzjoni u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol li ġew ikkunsidrati, il-ħaddiema li jużaw l-IA kienu aktar minn erba' darbiet aktar probabbli li jgħidu li l-IA tejbet il-prestazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom milli li jgħidu li bl-IA l-prestazzjoni tagħhom marret għall-agħar ([32]).

2.7.6. Il-KESE jenfasizza li l-għodod ibbażati fuq l-IA jistgħu jtejbu l-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali billi jgħinu biex jitnaqqas l-ammont ta' xogħol tal-ħaddiema ([33]) u biex jittejbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ([34]) u s-saħħa mentali fuq ix-xogħol ([35]). L-għodod tal-IA se jgħinu biex jitneħħew jew jitnaqqsu l-kompiti perikolużi u jgħinu biex jiġu evitati disturbi muskoloskeletali. Il-ħin li l-ħaddiema jiffrankaw fuq il-kompiti jista' jgħin biex jittejjeb il-benesseri tagħhom. L-għodod tal-IA jistgħu jżidu s-sodisfazzjon fix-xogħol ([36]). L-użu tal-applikazzjonijiet tal-IA jista' jwassal għal deċiżjonijiet u prattiki aħjar, aktar ġusti u mhux diskriminatorji, pereżempju fir-reklutaġġ ([37]).

2.7.7. Pereżempju, il-modi li bihom l-IA tista' tnaqqas jew tneħħi r-riskji għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, dawn li ġejjin:

(a) il-maniġers u r-rappreżentanti tal-ħaddiema jingħataw informazzjoni aħjar biex jidentifikaw kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, fosthom riskji psikosoċjali – u oqsma fejn huma meħtieġa interventi tas-saħħa u sikurezza okkupazzjonali biex jitnaqqsu diversi fatturi ta' riskju bħall-fastidju u l-vjolenza, u jingħataw twissijiet bikrija ta' sitwazzjonijiet perikolużi, stress, kwistjonijiet ta' saħħa u għeja fir-rigward tal-kompiti u l-attivitajiet li jitwettqu mill-ħaddiema;

([26]) Din l-evoluzzjoni hija riflessa fir-rapporti u fl-istudji dwar l-evoluzzjoni tal-impjiegi, bħar-rapport tal-2025 dwar il-futur tal-impjiegi mill-Forum Ekonomiku Dinji (Future of Jobs Report 2025: These are the fastest growing and declining jobs | World Economic Forum).
([27]) Ir-rapport tal-indiċi tal-IA ara wkoll hawnhekk.
([28]) Forum Ekonomiku Dinji.
([29]) Ara pereżempju EURES, Kif l-IA tista' ttejjeb il-proċess ta' akkwist tat-talenti.
([30]) Fond Moneterju Internazzjonali Gen-AI: Artificial Intelligence and the Future of Work (Intelliġenza artifiċjali ġenerattiva: Intelliġenza Artifiċjali u l-Futur tax-Xogħol – mhux disponibbli bil-Malti).
([31]) Forum Ekonomiku Dinji, Future of Jobs Report 2025 (Rapport dwar il-Futur tal-Impjiegi 2025), Jannar 2025.
([32]) M. Lane, M. Williams u S. Broecke (2023), "The impact of AI on the workplace: Main findings from the OECD AI surveys of employers and workers", (L-impatt tal-IA fuq il-post tax-xogħol: Sejbiet ewlenin mill-istħarriġ tal-OECD dwar l-impatt tal-IA fuq l-impjegaturi u l-ħaddiema), OECD Social, Employment and Migration Working Papers, Nru 288, OECD Publishing, Pariġi (mhux disponibbli bil-Malti).
([33]) Workplace Intelligence, AI at Work 2020 Study (L-IA fuq il-post tax-xogħol: Studju tal-2020), Chartered Institute of Personnel and Development u PA Consulting, People and machines: from hype to reality (In-nies u l-magni: mill-propoganda għar-realtà), 2019 (mhux disponibbli bil-Malti).
([34]) Studju tal-PE, Improving working conditions using Artificial Intelligence (Intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol bl-użu tal-Intelliġenza), 2021, (mhux disponibbli bil-Malti).
([35]) Workplace Intelligence, AI at Work 2020 Study (L-IA fuq il-post tax-xogħol: Studju tal-2020) (mhux disponibbli bil-Malti).
([36]) M. Lane,M. Williams u S. Broecke (2023), The impact of AI on the workplace: Main findings from the OECD AI surveys of employers and workers (L-impatt tal-IA fuq il-post tax-xogħol: Sejbiet ewlenin mill-istħarriġ tal-OECD dwar l-impatt tal-IA fuq l-impjegaturi u l-ħaddiema – mhux disponibbli bil-Malti), OECD Social, Employment and Migration Working Papers, Nru 288, OECD Publishing, Pariġi.
([37]) Dana Pessach, Gonen Singer, Dan Avrahami, Hila Chalutz Ben-Gal, Erez Shmueli, Irad Ben-Gal, Employees recruitment: A prescriptive analytics approach via machine learning and mathematical programming, (Ir-reklutaġġ tal-impjegati: Approċċ ta' analitika preskrittiva permezz tat-tagħlim awtomatiku u pprogrammar matematiku – mhux disponibbli bil-Malti), Decision Support Systems, Volum 134, 2020.

(b) il-ħaddiema u l-maniġers jingħataw pariri f'ħin reali mfassla individwalment biex jinfluwenzaw l-imġiba tagħhom b'mod aktar sikur. Pereżempju, l-organizzazzjonijiet jistgħu jużaw apparati ta' monitoraġġ li jkejlu l-informazzjoni bijometrika tal-ħaddiema biex jiżguraw li ma jkunux għejjew, peress li dan jista' jżid ir-riskju ta' inċidenti;

(c) tiġi appoġġjata l-prevenzjoni bbażata fuq l-evidenza u l-valutazzjoni tar-riskju avvanzata fuq il-post tax-xogħol;

(d) jiġu appoġġjati spezzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali bbażati fuq l-evidenza li jkunu aktar effiċjenti u mmirati;

(e) tiġi sfruttata s-setgħa tal-awtomatizzazzjoni u r-robotizzazzjoni fl-industrija, il-loġistika jew il-kostruzzjoni biex jitnaqqsu r-riskji ta' kompiti ripetittivi u perikoluż (38);

(f) l-użu ta' apparati u sensuri tal-internet tal-oġġetti għall-monitoraġġ tat-tagħmir tax-xogħol f'ħin reali jista' jidentifika ħsarat jew ħsarat fit-tagħmir qabel ma jseħħu, u b'hekk jikkontribwixxi għal sigurtà mtejba;

(g) l-użu ta' avvanzi fl-intelliġenza artifiċjali, ir-realtà virtwali u awmentata biex jiġu ttestjati virtwalment ċerti konfigurazzjonijiet u kundizzjonijiet tas-sikurezza biex il-ħaddiema jitħejjew għal taħriġ mingħajr riskju u biex l-impjegaturi jiġu megħjuna joffru taħriġ imfassal apposta;

(h) l-applikazzjoni ta' riċerka fil-qasam tal-eksoskeletru biex l-impjegati jiġu megħjuna fit-tqandil ta' tagħbijiet tqal. Qed isir ukoll progress sinifikanti f'dan il-qasam għall-ħaddiema b'diżabilità;

(i) l-integrazzjoni ta' sistemi awtomatizzati fil-ktajjen tal-provvista biex jiġu limitati l-kompiti manwali ta' mmaniġġjar;

(j) l-użu tad-data tal-ipproċessar permezz tal-IA biex jiġu ddisinjati aħjar l-istazzjonijiet tax-xogħol u l-proċessi loġistiċi, biex jiġu limitati r-riskji ta' esponiment għall-impjegati (39).

2.7.8. Ir-riċerka tal-JRC (40) identifikat id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni li għaddejjin bħalissa fl-industriji u l-ispinta għall-effiċjenza bħala muturi għall-adozzjoni tal-ġestjoni algoritmika f'postijiet tax-xogħol regolari. Hija identifikat u analizzat il-bidliet u l-isfidi li jirriżultaw mill-ġestjoni algoritmika f'termini ta' bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol u l-effetti fuq il-kwalità tal-impjiegi.

2.7.9. F'termini ta' bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol, il-JRC jindika speċifikament l-impatti potenzjali li ġejjin tal-ġestjoni algoritmika: iċ-ċentralizzazzjoni tal-għarfien u l-kontroll, id-definizzjoni mill-ġdid tal-kompiti u r-rwoli, u l-isfumar tal-konfini organizzattivi.

2.7.10. Il-JRC jidentifika wkoll l-effetti fuq il-kwalità tal-impjiegi f'termini ta' ħiliet u diskrezzjoni, l-intensità tax-xogħol, l-ambjent soċjali u l-qligħ u l-prospetti.

2.7.11. It-tħassib, l-inċertezzi u l-biżgħat dwar ir-riskji u l-konsegwenzi potenzjali tal-użu tal-IA jistgħu jżommuna milli nadottawha, minkejja l-fatt li l-IA tista' ttejjeb l-impjiegi u tagħmilhom aktar effiċjenti.

2.7.12. L-impjiegi mhumiex statiċi u l-KESE jemmen li anke l-impjiegi li bħalissa mhumiex affettwati b'mod estensiv mill-IA, se jiffaċċjaw ħtiġijiet ta' taħriġ mill-ġdid. Huma meħtieġa taħriġ u ħiliet ġodda biex isir l-aħjar użu minn soluzzjonijiet teknoloġiċi ġodda bbażati fuq id-data (inkluża l-IA) fuq il-post tax-xogħol.

2.7.13. Huwa essenzjali li l-kumpaniji u l-ħaddiema tagħhom jiġu megħjuna biex jadottaw l-IA u li jiġi żgurat li l-kumpaniji kollha u b'mod partikolari l-SMEs ma jitilfux l-opportunità li toffri l-IA iżda jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ minnha. Dan jirrikjedi l-iżgurar tat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema u appoġġ aħjar lill-kumpaniji. Il-ħaddiema jeħtieġu aċċess għat-taħriġ meħtieġ u l-kumpaniji jeħtieġu flessibbiltà biex isibu l-aħjar metodi ta' taħriġ tagħhom. Djalogu bbażat fuq il-fiduċja biex jinbnew prattiki tajbin u speċifiċi għall-kumpaniji huwa kruċjali. L-għan huwa li jiġi żgurat li l-użu tat-teknoloġiji tal-IA jkun ta' benefiċċju kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-ħaddiema peress li jwassal għal produttività ogħla. Dan jeħtieġ impenn kemm mill-kumpaniji kif ukoll mill-ħaddiema.

2.7.14. Sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tal-IA li żżid il-kompetittività u l-produttività, u biex jiġi żgurat li l-UE ma tkunx telliefa fit-tranżizzjoni diġitali, jeħtieġ li jitwarrbu l-miti u jittaffew il-biżgħat dwar l-IA, u jeħtieġ li ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-qafas leġiżlattiv eżistenti.

(38) Ara r-rapport Artificial intelligence for worker management: an overview (Intelliġenza artifiċjali għall-ġestjoni tal-ħaddiema: ħarsa ġenerali – mhux disponibbli bil-Malti).

(39) Ara Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, Work organisation and job quality in the digital (L-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kwalità tax-xogħol fl-era diġitali).

(40) S. Baiocco, E. Fernández-Macías, U. Rani, u A. Pesole, The Algorithmic Management of work and its implications in different contexts (Il-ġestjoni algoritmika tax-xogħol u l-implikazzjoni tagħha f'kuntesti differenti – mhux disponibbli bil-Malti), Sevilla: Kummissjoni Ewropea, 2022, JRC129749.

3. **Il-qafas Ewropew dwar l-użu tal-IA fuq il-post tax-xogħol**

3.1. ***Il-qafas leġiżlattiv attwali tal-UE***

3.1.1. Il-KESE jirrimarka li l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE li ġejja tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġi żgurat li meta għodda tal-IA tiġi implimentata fuq il-post tax-xogħol, minn naħa waħda jiġu salvagwardjati l-kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u ġusti tal-impjegati u. min-naħa l-oħra, il-ħaddiema jkunu involuti fil-proċess ta' implimentazzjoni tal-għodda tal-IA:

— Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-2016 (GDPR): Ħarsa ġenerali mhux eżawrjenti tal-artikoli rilevanti tal-GDPR tinkludi l-Artikolu 35 (valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data); l-Artikolu 7 (li jipprojbixxi li l-kunsens ikun marbut mal-eżekuzzjoni tal-kuntratt); l-Artikolu 9(2) (trasparenza tal-ipproċessar tad-data u limitazzjoni tal-kapaċità li tiġi proċessata data personali sensittiva); l-Artikolu 15(1)(h) (id-dritt ta' input uman sinifikanti fir-rigward ta' deċiżjonijiet importanti, b'opt-out fir-rigward ta' teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzat fuq il-post tax-xogħol); l-Artikolu 22 (jipprojbixxi proċessi teħid ta' deċiżjonijiet kompletament awtomatizzati fir-rigward ta' relazzjonijiet ta' impjieg); l-Artikolu 88 (lok għal strutturi ta' negozjar kollettiv u li l-Istati Membri jadottaw dispożizzjonijiet aktar stretti fir-rigward tal-GDPR fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-impjieg);

— L-Att tal-2024 dwar l-IA: L-Anness III tal-Att dwar l-IA jikklassifika ċerti sistemi tal-IA użati għar-reklutaġġ, deċiżjonijiet dwar il-promozzjoni, it-tkeċċija u l-assenjazzjoni tal-kompiti, u l-monitoraġġ ta' persuni f'relazzjonijiet kuntrattwali relatati max-xogħol bħala "riskju għoli". Minħabba din il-klassifikazzjoni, dawn is-sistemi tal-IA jkunu soġġetti għal rekwiżiti legali relatati mal-ġestjoni tar-riskju (l-Artikolu 9), il-kwalità tad-data u l-governanza tad-data (l-Artikolu 10), id-dokumentazzjoni u ż-żamma tar-rekords (l-Artikoli 11-12), it-trasparenza u l-għoti ta' informazzjoni lill-utenti (l-Artikolu 13), is-sorveljanza umana (l-Artikolu 14), ir-robustezza, l-akkuratezza u s-sigurtà (l-Artikolu 15), u l-informazzjoni dwar l-użu ta' IA b'riskju kbir fuq il-post tax-xogħol b'penali ta' EUR 15 000 000 jew sa 3 % tal-fatturat annwali dinji. (L-Artikolu 99(4)(g)). Barra minn hekk, l-Artikolu 2(11) tal-Att dwar l-IA jippermetti lill-Istati Membri joħolqu dispożizzjonijiet aktar favorevoli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema. Barra minn hekk, l-Artikolu (4) (litteriżmu fl-IA) jipprovdi li l-forniturі u l-implimentaturi ta' sistemi tal-IA għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw, sa fejn jistgħu, li l-persunal tagħhom u persuni oħra li jkollhom x'jaqsmu mat-tħaddim u l-użu ta' sistemi tal-IA f'isimhom ikollhom livell suffiċjenti ta' litteriżmu fl-IA, billi jitqiesu l-għarfien, l-esperjenza, l-edukazzjoni u t-taħriġ tekniku tagħhom u l-kuntest li fih ikunu ser jintużaw is-sistemi tal-IA, u jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll il-persuni jew il-gruppi ta' persuni li s-sistemi tal-IA jkunu ser jintużaw fuqhom;

— Id-Direttiva qafas tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol tal-1989: Id-Direttiva Qafas 89/391/KEE tobbliga lill-impjegaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jiżguraw minn qabel li l-għodod tal-IA mhux se jkunu ta' ħsara għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema;

— Id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi tal-2000;

— Id-Direttiva dwar l-Informazzjoni u l-Konsultazzjoni tal-2002: L-Artikolu 4(2)(c) jobbliga lill-impjegaturi jinfurmaw u jikkonsultaw il-ħaddiema tagħhom dwar deċiżjonijiet li x'aktarx li jwasslu għal tibdil sostanzjali fl-organizzazzjoni tax-xogħol jew fir-relazzjonijiet kuntrattwali;

— Id-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi tal-2024: Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali se jkunu meħtieġa jintroduċu miżuri speċifiċi dwar l-użu ta' sistemi awtomatizzati ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' deċiżjonijiet (l-Artikolu 6), il-monitoraġġ mill-bniedem tas-sistemi awtomatizzati (l-Artikolu 7), ir-rieżami mill-bniedem ta' deċiżjonijiet sinifikanti (l-Artikolu 8), u d-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni tal-ħaddiema tal-pjattaformi (l-Artikolu 9).

3.1.2. L-isfidi li jirriżultaw għall-kumpaniji fl-**operazzjonijiet organizzattivi** tagħhom (iċ-ċibersigurtà, il-ksur tas-sigurtà, il-privatezza, il-ġestjoni tad-data, eċċ.), kif ukoll dawk rigward l-**organizzazzjoni tax-xogħol**, ġew skrutinizzati wkoll fil-livell tal-UE. Minbarra l-GDPR,

— Id-Direttiva NIS 2: Id-Direttiva NIS 2 tobbliga lill-kumpaniji li jipprovdu servizzi essenzjali f'pajjiż – eż. l-enerġija, it-trasport, il-ġestjoni tal-ilma, l-infrastruttura diġitali, it-telekomunikazzjoni, eċċ. – jorganizzaw l-operazzjonijiet b'tali mod li jżid il-protezzjoni tagħhom kontra attakki u ksur tas-sigurtà, inkluża s-sigurtà tad-data;

— L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika ([41]): L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jżid l-obbligi għall-manifatturi ta' prodotti konnessi biex jiġi żgurat li l-vulnerabbiltajiet ikunu indirizzati u rranġati, kif ukoll biex jiżdiedu l-protezzjonijiet tal-apparati/tal-magni;

([41]) L-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika jżid l-obbligi għall-manifatturi ta' prodotti konnessi biex jiġi żgurat li l-vulnerabbiltajiet ikunu indirizzati u jiġi offrut software korrettiv, kif ukoll biex jiżdiedu l-protezzjonijiet tal-apparati/tal-magni.

— Id-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi u r-regolamentazzjoni speċifika għas-settur, fosthom l-att dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali (DORA), għandhom l-għan li jindirizzaw speċifikament l-isfidi organizzattivi għall-kumpaniji relatati mal-użu tal-IA.

3.1.3. Il-KESE jinnota li għaddejja ħidma, iffaċilitata mill-Uffiċċju għall-Intelliġenza Artifiċjali, biex jitħejja Kodiċi ta' Prattika għall-IA bi Skop Ġenerali biex jiġu spjegati fid-dettall ir-regoli tal-Att dwar l-IA għall-forniturі ta' mudelli tal-IA bi skop ġenerali u mudelli tal-IA bi skop ġenerali b'riskji sistemiċi ([42]).

3.2. *Ir-Rwol tad-Djalogu Soċjali*

3.2.1. L-imsieħba soċjali u d-djalogu soċjali fil-livelli kollha għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni ta' IA responsabbli u "affidabbli" fid-dinja tax-xogħol. Sabiex jiġi żgurat djalogu soċjali effettiv dwar kwistjonijiet tal-IA, il-KESE jappella għall-promozzjoni ta' ambjent pożittiv u abilitanti għad-djalogu soċjali. Djalogu soċjali b'saħħtu u kostruttiv fil-livelli kollha f'konformità mar-regoli u l-prattiki nazzjonali applikabbli huwa l-għodda ewlenija biex jiġu minimizzati r-riskji u l-impatti dannużi possibbli, li għandhom jiffaċilitaw ukoll l-użu tal-IA sabiex jinkiseb benefiċċju mill-potenzjal tagħha. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jiġi żviluppat il-bini tal-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali dwar l-IA biex jiġu żgurati l-għarfien u l-fehim tal-isfidi u l-opportunitajiet li toħloq.

3.2.2. Il-KESE jinnota li, f'Ġunju 2020, l-imsieħba soċjali Ewropej fl-2020 iffirmaw il-Ftehim Qafas Awtonomu dwar id-Diġitalizzazzjoni ([43]), li jkopri: 1) il-ħiliet diġitali u l-iżgurar ta' impjieg; 2) it-termini ta' konnessjoni u skonnessjoni; 3) l-intelliġenza artifiċjali u li jiġi żgurat il-prinċipju "human-in-command" u 4) ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u l-kwistjoni tas-sorveljanza. Huwa jipprevedi, fost affarijiet oħra, li l-użu tas-sistemi tal-IA għandu jsegwi l-prinċipju "human-in-command" u għandu jkun sikur, jiġifieri għandu jipprevjeni l-ħsara.

3.2.3. Fir-rigward tal-interazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE (l-Att dwar l-IA) u d-djalogu soċjali, il-KESE jistieden lill-Uffiċċju Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali jistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali transsettorjali Ewropej, sabiex jiġi żgurat li r-rwol tad-djalogu soċjali jkun rifless b'mod adegwat fil-linji gwida li jmiss tal-Uffiċċju għall-IA u fil-leġiżlazzjoni sekondarja. Il-KESE jistieden ukoll lill-Uffiċċju għall-IA jipproduċi kjarifiki dwar is-sistemi kollha tal-IA. Għandhom jiġu stabbiliti mezzi ta' koordinazzjoni profondi, robusti u strutturati b'mod ċar bejn l-Uffiċċju tal-IA u d-DĠ EMPL u d-DĠ Connect tal-Kummissjoni Ewropea.

3.3. *Valutazzjoni tal-qagħda attwali*

3.3.1. Il-KESE jqis li l-116-il att leġiżlattiv eżistenti fl-aġenda diġitali tal-UE għall-2030 – b'mod partikolari l-GDPR u l-Att dwar l-IA u l-leġiżlazzjoni l-oħra msemmija hawn fuq – ikopru sew l-isfidi ppreżentati mill-IA fuq il-post tax-xogħol, fosthom id-diskriminazzjoni, is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali, l-informazzjoni u l-konsultazzjoni, il-protezzjoni tad-data eċċ.

3.3.2. Fid-dawl ta' dan, il-KESE jiddispjaċih li minkejja l-qafas leġiżlattiv wiesa' eżistenti li diġà jipprovdi regolamentazzjoni komprensiva u suffiċjenti tal-IA fil-ħajja tax-xogħol, il-Kummissjoni Ewropea tqis li għad hemm bżonn ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fid-dinja tax-xogħol. Kif iddikjarat fl-ittra ta' missjoni ta' Roxana Mînzatu, Viċi President Eżekuttiv għad-Drittijiet Soċjali, il-Ħiliet, l-Impjiegi ta' Kwalità u l-Preparatezza, dan għandu jsir b'mod partikolari permezz ta' inizjattiva dwar il-ġestjoni algoritmika u permezz ta' leġiżlazzjoni possibbli dwar l-IA fuq il-post tax-xogħol, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali. (…) ([44]).

3.3.3. Din l-intenzjoni tikkontradixxi wkoll l-impenn politiku attwali għas-semplifikazzjoni regolatorja u għat-tnaqqis tar-rekwiżiti regolatorji u ta' rappurtar b'25 %. Dan huwa wkoll f'kontradizzjoni ċara mal-fehim komuni dwar il-ħtieġa għas-semplifikazzjoni tal-qafas attwali tal-UE biex jittejbu l-kompetittività u l-ambjent tan-negozju tal-UE.

([42]) Ara pereżempju hawnhekk.

([43]) Ara pereżempju hawnhekk.

([44]) Kif iddikjarat fl-ittra ta' missjoni ta' Roxana Mînzatu, Viċi President Eżekuttiv.

3.3.4. Minflok, il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-kumpaniji jiżviluppaw approċċi responsabbli u etiċi biex jaħdmu mat-teknoloġiji tal-IA fi ħdan il-qafas legali attwali. Dan jiżgura li l-awtonomija tal-imsieħba soċjali tiġi rispettata.

3.3.5. Madankollu, jekk ikun hemm xi inizjattiva potenzjali relatata mal-IA fuq il-post tax-xogħol, l-ewwel u qabel kollox irid ikollha l-għan li timplimenta u tinforza b'mod effettiv il-qafas leġiżlattiv komprensiv eżistenti tal-UE. It-tieni, għandu jkollha l-għan li tgħin lill-kumpaniji jtaffu r-riskji possibbli fid-dinja tax-xogħol ([45]) filwaqt li jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti mill-IA. Dan jiżgura prosperità, produttività, sostenibbiltà u benesseri soċjali aħjar.

3.3.6. Il-KESE jemmen bil-qawwa li, jekk il-Kummissjoni tipproponi inizjattiva ġdida dwar l-IA fuq il-post tax-xogħol jew dwar il-ġestjoni algoritmika, din l-inizjattiva ma għandhiex tuża l-Kapitolu III tad-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi bħala pjan ta' azzjoni. Ir-regoli fid-Direttiva dwar ix-Xogħol fuq il-Pjattaformi huma mfassla biex jaħdmu speċifikament f'dawk it-tipi ta' negozji, għaldaqstant, li l-kumpaniji kollha tal-UE jitqiesu daqslikieku kienu pjattaformi tax-xogħol diġitali se jkun ostaklu sinifikanti għall-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda.

3.3.7. Barra minn hekk, reviżjoni estensiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti tkun ta' detriment f'termini ta' piż kemm għal-leġiżlaturi kif ukoll għall-infurzaturi u tibgħat messaġġ negattiv ħafna f'termini ta' avvanz u investiment fl-IA fl-UE.

3.3.8. Għalhekk, għall-ġejjieni, il-KESE jappella għal enfasi sinifikanti fuq it-tnaqqis tal-kumplessità legali, peress li dan jippermetti b'mod aħjar lin-negozji Ewropej jużaw l-IA b'mod responsabbli u etiku. Din il-ħtieġa għat-tnaqqis tal-kumplessità legali tinbet, pereżempju, minn duplikazzjonijiet fil-leġiżlazzjoni eżistenti u minn obbligi ta' rappurtar multipli u kontinwi.

Raġuni

Dan it-test jinvolvi emenda li għandha l-għan li tistabbilixxi pożizzjoni globalment diverġenti mill-Opinjoni mressqa mis-sezzjoni u għalhekk għandha titqies bħala kontropinjoni. Dan jispjega r-raġunijiet għaliex il-KESE jqis li ma hemmx bżonn ta' leġiżlazzjoni addizzjonali dwar l-IA fid-dinja tax-xogħol u għaliex il-Kummissjoni għandha tħalli spazju għall-kumpaniji biex jiżviluppaw approċċi responsabbli u etiċi biex jaħdmu bit-teknoloġiji tal-IA fi ħdan il-qafas legali attwali.

Riżultat tal-votazzjoni

Favur: 112

Kontra: 136

Astensjonijiet: 11

([45]) Għar-riskji, ara pereżempju S. Baiocco, E. Fernández-Macías, U. Rani, u A. Pesole, The Algorithmic Management of work and its implications in different contexts, (Il-ġestjoni algoritmika tax-xogħol u l-implikazzjoni tagħha f'kuntesti differenti), Sevilla: Kummissjoni Ewropea, 2022, JRC129749.